MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 931/2001/1

**Dr Joseph Cassar Delia u Rosario sive Louis Spiteri rispettivament fil-vesti taghhom ta’ President u Segretarju tas-socjeta Filarmonika San Gorg.**

**Vs**

**Francesco Fenech Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi nhar id-disgha (9) ta’ Novembru 2001 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi fissat minn din il-Qorti tiehu hsieb tersaq u taqla mill-gdid ix-xoghol kollu li ghamlet gewwa l-Kazin tal-Banda msemmi u terga taghmlu, billi dak li sar ai termini tal-kuntratt tat-tletin (30) ta’ Lulju 1999, gie esegwit hazin, mimli difetti u kontra s-sengha u l-arti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-hdax (11) ta’ Novembru 1999.

Ghal skop ta’ valur, dina l-kawza ma teccedix l-elfejn u hames mitt lira Maltin (LM2500).

Rat in-nota t’eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li x-xoghol maghmul mill-eccipjent sar skond is-sengha u l-arti.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversment preseduta datat hdax (11) ta’ Gunju 2004, fejn dik il-Qorti nnominat lill-Perit tekniku Renato Laferla sabiex jirrelata dwar il-kaz.

Rat li fis-seduta tat-tmienja (8) t’April 2008 l-espert tekniku Perit Renato Laferla deher quddiemha u pprezenta ir-relazzjoni tieghu wara li halef il-kontenut taghha.

Illi **Doctor Joseph Cassar Delia** xehed quddiem il-Perit tekniku nhar is-sitta w ghoxrin (26) t’Ottubru 2004 fil-kapacita tieghu ta’ President tas-socjeta attrici, fejn spjega li l-kumitat tas-socjeta attrici kien iddecida li jbiddel il-madum tal-kamra tal-*billiards*, li tinsab fis-sular t’isfel, u dik tal-kamra tal-Lettura, li tinsab fis-sular ta’ fuq. Ghalhekk kienu marru f’diversi fabbriki tal-madum u raw diversi kampjuni u fl-ahhar iddecidew li jghamlu l-ordni mas-socjeta konvenuta. Huma ghamlu ftehim bil-miktub, fejn is-socjeta konvenuta kellha ggib madum fuq il-post, tqeghdu u tillustrah. Qal li effettivament, dan ix-xoghol sar.

Spjega li gurnata jew tnejn wara li kien sar ix-xoghol, huwa mar fuq il-post u ra li d-disinn tal-bordura, li kien tal-irham, ma kienx sar skond is-sengha u l-arti, u dan peress li fil-kantunieri kien hemm difett. Qal li maz-zmien bdew jitfaccaw xi xquq fil-madum u xi madumiet bdew ukoll jittbewwqu.

Huma ghalhekk ghamlu kuntatt mas-Sur Fench, dan gie fuq il-post u ra li l-irham kien imxaqqaq u mtebba u ammetta li x-xoghol ma kienx sar skond is-sengha u l-arti. Hu accetta li jaqla l-irham u jghamlu mill-gdid, izda dwar il-madum, stqarr li dan kien imtebba w inqasam minhabba l-umdita. Jghid ulterjorment ili fl-istess zmien beda jixxaqaq l-madum tas-sular t'isfel ukoll u fil-fatt jghid li dan sehh xi gimgha jew tnejn biss wara li tlesta x-xoghol. Is-Sur Fenech qallu li dan sehh ghaliex il-bazi ma kienitx soda, ghalkemm is-sodda saret minnu.

Spjega li fil-kamra tal-Lettura, is-Sur Fenech rega' ghamel xi xoghol ghas-sodisfazzjoni taghhom u dan fil-mori tal-kawza. Issa fil-kamra tas-sular t'isfel m'ghamel xejn, ghaliex baqa' jinsisti li dak li sehh kien rizultat t'umdita. Huwa ma qabilx mieghu ghaliex il-madum li kien hemm qabel, kien ilu hemm hamsin sena, u ma kienx hemm wahda minnu li kienet imtebbgha jew maqsuma.

Illi nhar is-sittax (16) ta' Dicembru 2004 huwa rega' xehed fejn qal li huwa ra x-xoghol isir u li fil-kamra tal-*billiards*, u jispecifika li taht il-mejda tal-*billiards* ma tpoggiet l-ebda sodda tal-konkrit u lanqas f'postijiet ohra. Jghid li tpogga it-tajn fuq ix-xahx u l-madum tpogga fuqu. Jghid li d-difett fil-madum, hareg mill-ewwel u dan ghaliex fil-kamra tal-Lettura hareg gimgha wara it-tqeghid u fil-kamra tal-*billiards* hareg xi tlett gimghat wara it-tqeghid.

In kontr'ezami nhar sebgha w ghoxrin (27) ta' Gunju 2006, l-attur jikkonferma li d-difetti fil-madum induna bihom wara li kien tlesta x-xoghol.

**Rosario sive Louis Spiteri** xehed fil-kapacita tieghu ta' Segretarju tal-Kazin in kwistjoni, li hu kien involut fid-diskussjonijiet li semma l-attur noe w ikkonferma li dak lamentat minnu kienet il-verita. Zied ighid pero li sabiex isir ix-xoghol fil-kamra tal-*billiards* iridu jinqalghu z-zewgt imwejjed tal-*billiards* u dan ix-xoghol jigi jqum bejn LM400 u LM500. Jghid li meta effettivament kien tpogga il-madum, huma kienu hadu hsieb li jzarmaw l-imwejjed u kien proprju wara li regghu remughom.

Illi nhar id-dsatax (19) ta' Movembru 2004 inzamm access mill-Perit tekniku, fil-presenza tal-partijiet u waqt dan l-access, gie ndikat lil Perit liema kien l-madum miksur u parti minnu li kien bit-*tape*. In oltre gie ndikat li kien hemm xi madum ta' taht il-mejda, li huwa izjed car.

In kontr'ezami nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Gunju 2006, ighid li huwa ma kienx prezenti il-hin kollu waqt it-twahhil tax-xoghol, izda meta kien ikun hemm u jara xi haga li ma kienitx sewwa, u cioe skond is-sengha w l-arti, huwa kien jattira l-attenzjoni ta' dak li jkun. Qal li l-Perit taghhom, certu Chris Cachia, kien qalilhom li l-bordura ma saritx skond is-sengha w l-arti, ghaliex il-kantunieri taghha ma kienux f'angolu ta' 45 grad imma kienu f'angolu ta' 90 grad u ma kienx hemm *tolerance* bejn maduma w ohra ghall-espansjoni, w ghalhekk seta' kien qed jinqasam minhabba f'hekk. Jghid li fil-kuntratt li kien hemm bejniethom, kien hemm imnizzel li t-tqeghid tal-madum kien responsabilita tas-socjeta konvenuta. Jghid li l-Perit taghhom ma marx jara ix-xoghol waqt li kien qed isir, izda ghamel zjara wara li bdew johorgu d-difetti. Jippreciza u jghid, li fil-kamra ta' fuq, fejn jiltaqa l-kumitat, kien hemm madum li beda jixxaqaq.
**Michael Farrugia** fil-kapacita tieghu ta' kaxxier mas-socjeta attrici, xehed nhar is-sitta (6) ta' Mejju 2008 fejn qal li hu kien prezenti ghand is-socjeta konvenuta meta gie maghzul il-madum li ddecidew li juzaw. Ikkonferma li s-socjeta konvenuta pprovdiet il-madum kemm ghal kamra tal-*billiards* kif ukoll ghal kamra ohra. Qal li appena tlesta ix-xoghol, huwa kien hallas ghas-saldu. Spjega pero li xi hmistax wara, huwa beda josserva li l-madum f'diversi postijiet tal-kamra tal-*billiards* kien qed jinqasam. Qal li ghalhekk huma marru ghand is-socjeta konvenuta u bdew jillamentaw fuq ix-xoghol, peress illi kien hemm xi erbghin fil-mija tal-madum li kellu jinbidel. Jghid li l-madum li kien hemm qabel, kien ilu hemm hamsin sena u ma kellux qsim.

Fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju 2005 l-istess xhud kompla jixhed li meta kien raw il-madum ghand is-socjeta konvenuta, kienu stqarrew li riedu dak il-madum ghal kamra tal-*billiards* u huma kienu qalulu li kien tajjeb ghal

dak il-ghan, u li fil-fatt kien madum ta' prima kwalita. Fil-fatt, in segwitu kienu anke talbu li jkun hemm madum gdid fl-Arkivju. Jghid illi huma qatt m'indahlu fin-natura tax-xoghol li kellha taghmel is-socjeta konvenuta.

In kontr'ezami nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Lulju 2006, x-xhud jghid li l-ittra esebita fl-atti u markata bhala Dok. 'B', inkitbet minnhom wara li kienu marru jkellmu lis-Sur Fenech ghan-nom tas-socjeta konvenuta.

Illi nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t'Ottubru 2006, is-socjeta konvenuta pprezentat l-affidavit ta' **Anthony Fenech** fil-kwalita tieghu ta Direttur tas-socjeta Francesco Fenech Limited, li gie markat bhala Dok. AF 1. Illi huwa spjega illi fit-tletin (30) ta' Lulju 1999 kien gie iffirmat kuntratt bejn is-socjeta konvenuta u Louis Spiteri, bhala Segretarju u Michael Farrugia bhala Kaxxier ghan-nom u fl-interess ta' St. Georges Band Club, Cospicua, fejn is-socjeta konvenuta kienet obbligat ruhha li taqla l-madum ezistenti, tarmieh, tissuplixxi, tqieghed u tippolixxja l-madum li gie ordnat minnhom, bil-kundizzjonijiet segwenti:-

l. Bil-prezz globali ta' LM1375.38 inkluz il-VAT;
2. Li x-xerrej xtara il-madum skond is-*sample* li huwa ra u li fuqha ghamel ordni;
3. Li dan il-madum qed jinbiegh u jigi konsenjat lix-xerrej 'Tale Quale';
4. Li minn dan il-biegh, hija eskluza l-garanzija ghall-vizji mohbija;
5. Salv dak li gie premess hawn fuq kull tibdil tal-patijiet u kundizzjonijiet prezenti ghandu jsir bil-miktub u l-ebda prova dwar allegat tibdil m'ghandha tigi sottomessa w accettata, jekk mhux peremzz ta' ftehim bil-miktub iffirmat mill-partijiet.

L-inkarigu taghhom kien li jaqilghu l-madum u jergghu jpoggu madum gdid fuq is-sodda li kien hemm. Ix-xoghol beda kif miftiehem u waqt li kien qed isir ix-xoghol ma kien hemm l-ebda lament minn naha tal-kazin. Huma mbaghad hargu l-kont fl-erbatax (14) ta' Settembru 2008 u

dan gie mhallas erbat ijiem wara. Sa dakinhar ma kien hemm l-ebda xaqq fil-madum.

Fit-tnejn w ghoxrin (22) t'Ottubru ta' l-istess sena, l-atturi gibdulhom l-attenzjoni li fil-kamra tal-*billiards* kien hemm xi wahdiet mill-madum li nqasam w innotaw ukoll li l-umdita li kien hemm fl-art, bdiet tirrifletti fil-madum.

Fit-tlieta (3) ta' Novembru 1999 saret laqgha bejn il-partijiet fejn is-socjeta konvenuta giet murija xi disa' madumiet li kienu maqsuma madwar l-imwejjed tal-*billiards* u gew mgharrfa wkoll li ma kienux kuntenti bil-faxxex tal-bordura li kien hemm fil-Kamra tal-Lettura. Huwa jghid li huma ppruvaw jikkuntentaw l-kazin, ghalkemm skond klawsola numru 4 tal-kuntratt, l-garanzija, kienet teskludi vizji mohbija. Jghid li ghalhekk, huma bidlu l-faxxex kif xtaqu u bidlu wkoll l-madumiet li fuqhom kien hemm tbajja li effettivament hargu wara li l-madum gie *polished* u beda isir uzu mill-kamra. Huma kienu kuntenti bil-ko-operazzjoni taghhom.

Ix-xhud spjega wkoll li rigward is-sular t'isfel, fejn kien hemm il-kamra tal-*billiards* saru diversi tentattivi sabiex jippruvaw jikkuntentaw lill-atturi, sabiex ibiddlulhom xi wahdiet mill-madum. Jghid li dawn setghu gew imxaqqa, jew ghaliex taht il-mejda tal-*billiards* kien hemm il-konkos u fil-kumplament tal-kamra ma kienx hemm konkos, allura meta l-art striehet, anke jekk harira, kien hemm moviment fil-madum u b'hekk ixxaqqaq, jew meta dahlu l-imwejjed tal-*billiards* u l-lavagni li huma tqal hafna, setghet saret xi hsara lill-madum. Dan qed jinghad ghaliex l-ixquq fil-madum huma biss hdejn l-imwejjed tal-*billiards*.

Ix-xhud jikkonferma wkoll li kien impossibli li l-hsara fuq il-madum giet kagunata bix-xita u x-xemx, ghaliex dan jigi manifatturat skond *specifications* partikolari w in oltre jigi storjat gewwa. Izda kieku ma kienx hekk, u cioe li gie storjat barra, ma kienx ikun hemm hsara.

In kontr'ezami x-xhud jghid li x-xoghol sar mill-haddiema tas-socjeta konvenuta u hu kien mar jara ix-xoghol meta kienu bidlu xi madumiet. Jghid pero li l-ixquq gew

kagunati minhabba il-piz tal-imwjjed, ‘l ghaliex ma kienux fuq sodda tal-konkrit. Jghid li huma kienu qalu lill-atturi sabiex jghamlu sodda gdida tal-konkrit taht l-art kollha, izda huma ma riedux.

**Saviour Grech** li huwa works manager mas-socjeta konvenuta, jghid li huwa kien inkarigat mix-xoghol in kwistjoni. Jghid li taht il-madum antic, kien hemm hafna terrapien, izda taht il-mejda tal-*billiards* kien hemm pjatta forma tal-konkrit. Jghid li l-konkrit ma messewhx u komplew jaqilghu madwaru. Huwa ghalhekk kien isugerrixxa li kellu jsir konkrit mas-sala kollha, pero dan is-suggeriment tieghu ma intlaqax w ghalhekk huwa gab it-terrapien u l-*compactor* u kkompaktjaw kullimkien u bdew ipoggu l-madum.

In kontr’ezami, mistoqsi jghid jekk jahdimx mas-socjeta konvenuta, x-xhud jghid li kien ilu li waqaf xi hames snin qabel. Jghid li meta mar jghamel spezzjoni fuq il-post, ra li kien madum imnizzel u ra wkoll xi madum miksur, pero fuq dan ma hadux passi. Qal li jaf li x-xahx ma kienx sufficjenti u kien ghalhekk li gabu l-*compactor* u ziedu xi xahx fuqu, biex jimla l-vojt li gie mahluq bil-*compactor*. Huwa kien imur kuljum biex jara li x-xoghol kien qed isir kif suppost. Huwa kien imur anke meta kien ikun hemm ilmenti. Mistoqsi jekk rax xi xoghol hazin, ix-xhud wiegeb li kieku kien il-kaz, huwa kien jirrangah. Jghid illi huwa kien mar jghamel spezzjoni fl-ahhar u ra xi madumiet imxaqqa u ha notamenti taghhom. Jghid li dawn kienu f’varji postijiet fis-sala. Meta huwa rega’ mar fi spezzjoni ohra, ma ra l-ebda kambjament. Huwa kien issugerixxa li jinbidel il-madum ta’ mal-antiporta.

Il-Qorti rat ir-relazzjoni tal-imsemmi espert tekniku, li tinsab a fol. 74 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-tmienja (8) t’April 2008, fejn l-istess Perit ikkonkluda li ‘*s-socjeta konvenuta ghandha tigi mghobbija bir-responsabilita tal-hsara li hemm fil-madum u konsegwentement il-qlugh tal-madum tas-Sala tal-billiards u r-rimpjazzar tieghu, b’madum gdid ghandu ikun interament a kariku taghha kif mitlub fic-citazzjoni pero dato li hi kienet issuggeriet li ghandu jsir*

*sub floor tal-konkrit mal-kamra kollha u li din il-proposta ma gietx accettata mis-socjeta attrici, allura ghaxra fil-mija tal-ispiza ghandha tkun sopportata mill-atturi, mhux inkluz f'din is-sub floor tal-konkrit, filwaqt li l-ispiza tal-konkrit sub floor wahdu, ghandha tkun sopportata mis-socjeta attrici.'*

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda 'n eskussjoni tal-perit relatur maghmula fl-udjenza tat-tnejn w ghoxrin (22) ta' Mejju 2008. F'din ix-xhieda l-Perit jikkonferma, li fil-fehma tieghu, l-madum inkiser, ghaliex l-art kienet cediet. Jinsisti li l-madum ma cediex minhabba l-umdita, izda peress li sab il-vojt li kien hemm taht il-madum, il-madum gie fuq il-vojt u kien ghalhekk li nizel. Jghid li x'kien hemm taht il-madum, ma kienx jaf, ghaliex huwa ezamina biss il-wicc tieghu. Minn dak li setgha jikkonstata, jghid li l-madum kien normali, ghalkemm jista ikun li ma kellhux bizzejjed hxuna. Jirrepeti pero li l-madum ma cediex ghax il-madum kien diffettuz, izda ghaliex is-sodda ta' tahtu, kienet dfettuza. Il-probabilita hi, li kieku kien hemm sodda sura taht il-madum, il-madum ma kienx icedi. Jghid li huwa kkonkluda fir-relazzjoni tieghu, li s-socejta attrici kellha tehel parti mill-ispejjez, ghaliex is-socjeta konvenuta kienet xtaqet tbiddel is-sodda, izda l-atturi ma xtaqux. Jghid li huwa ta piz ghal dak li qalet is-socjeta konvenuta, u cioe li kellu jkun hemm sodda differenti qabel ma jehel il-madum il-gdid. Pero hass, li peress li s-socjeta konvenuta tifhem fil-madum, messha nsistiet ghas-sodda gdida qabel ma pogga l-madum taghha. Huwa m'eskludix li l-madum inkiser billi ntefghu xi bocci mal-art, ghalkemm l-possibilta hija zghira. Pero jghid li huwa minnu li jekk is-sodda kienet tal-konkos, kien ikun hemm inqas possibilta li l-madum jinqasam.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-
Illli huwa principju pacifiku u ben konoxxut, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi:

"*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua, e deve*

*prestare almeno una capacita` ordinaria.*” (**Vol. XXVII P I p 373**).

In effetti, “*huwa ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu u din il-garanzija hi mplicita, tant li huwa tenut anke ghall-kolpa ljievi*.” (**Vol. XL P I p 485**).

A bazi ghal dawn il-principji, ssokta jigi precizat illi:

“*Min jintraprendi li jaghmel bicca xoghol, iwiegeb ghad-difetti minhabba xoghol hazin jew ghal xoghol ezegwit b’materjal hazin. Ghalhekk, il-kommittent, li jidhrilu li x-xoghol sar hazin, ghandu dritt jitlob li jigi verifikat, permezz ta’ perizja teknika, jekk il-hsara li timmanifesta ruhha hijiex dovuta ghal difetti tal-arti tat-tqeghid jew tal-materjali.*” (**Vol. XLI P I p 667**).

Dan huwa proprju dak li ntalab mill-atturi f’din l-istanza.

Materja bhal dik in ezami, hi wahda essenzjalment ta’ fatt u t’accertament tekniku u kien ghalhekk li din il-Qorti, ghamlet perizja teknika.

Issa minn ezami tar-rapport tekniku, jirrizulta li l-atturi kienu inkarigaw lis-socjeta konvenuta sabiex tnehhi madum li kien hemm f’zewg swali u tpoggi madum gdid, mixtri minghandha stess. Jirrizulta li dan sehh, u l-atturi hallsu minnfih lis-socjeta konvenuta ghal dan l-appalt. Pero ftit wara, bdiet icedi l-art u b’hekk il-madum ixxaqqaq u kien ghalhekk li l-atturi pprezentaw din il-kawza.

Is-socjeta konvenuta tghid li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u l-madum ixxaqaq ghaliex l-atturi wadbu xi bocci tal-*billiard* mal-art. In oltre tghid, li huma xtaq jghamlu sodda tal-konkrit, izda l-atturi ma xtaqux li din issir.

Il-Perit jghid li kieku saret din is-sodda, ma kienx ikun hemm mil-hsarat li rrizultaw.

Huwa minnu li f’xoghol ta’ din in-natura, u dan jghodd dejjem anke ghal xoghlijiet ohra, jezistu regoli ta’ tolleranza, anke ‘n rigward ta’ difetti accertati fil-*mano*

*d'opera*. Dan pero` jibqa' hekk, entro l-arginar ta' certi limiti, u zgur mhux fl-entita li huma dawn il-madumiet.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri nhar is-sitta (6) t'Ottubru 2004 fl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira Agius et** gie mfisser l-obbligu t'appaltatur u cioe:-

*"L-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess, fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. L-appaltant ghandu l-obbligu li jezegwixxi xogholu sew, skond is-sengha u l-arti u jrid jippresta almenu kapacita` ordinarja. Dan fis-sens li hu ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu".*

*L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt, huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem".*

*Dan hu hekk, avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.* ***L-appaltatur ghandu jirrezisti ordnijiet li jkunu ta' pregudizzju ghas-solidita` u kontra r-regoli tas-sengha u l-arti****. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent.*

*Huwa pacifiku wkoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz.*

*Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, (*kif certament hu l-kaz in specie*), l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba nadempiment. Il-kolpa kontrattwali, hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas tal-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt.*

*A contrario sensu, meta d-difetti huma ta' natura sostanzjali, l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies inadempjenti, imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol."*

Illi f'sentenza moghtija ricentement mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-tmienja (8) ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Alfred Theuma vs Vincenza Mallia** gie ritenut li:-

"*Huwa principju stabbilit fil-ligi taghna, li l-kuntrattur, qabel ma jindahal ghal bicca xoghol, ghandu jkollu l-kapacita teknika mehtiega w ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu. Tant hu hekk li l-appaltatur li ma jottemporax ruhu mal-ftehim, jigifieri li jesgwixxi x-xoghol skond l-artu u s-sengha, mhux intitolat ghal hlas.'*

Il-konvenut, anke jekk ikun ordnat mis-sid sabiex jaghmel xoghol hazin, ghandu jirrifjuta li jaghmel xoghol hazin.

Tali ragunament jattalja mal-hsieb guridiku li jafferma illi jinkombi b'dover, fuq l-appaltatur jew imprenditur "*di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole dell' arte.*" (**Vol. XXV P I p 727**);

Jinsab enuncjat ukoll illi

*"L-appaltatur ghandu jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens, li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dana x-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem.*" – "**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et nomine**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972;

Mill-perizja gie konkluz, fuq ir-rizultanzi akkwiziti, illi x-xoghlijiet esegwiti mill-konvenut f'dan il-kaz, ma kienux konformi mal-arti w s-sengha u ghandhom jigu rimedjati kif mill-attur mitlub.

Taht dawn ic-cirkostanzi l-Qorti taghmel taghha r-rapport peritali u ragonamenti li fuqu jinsabu bazati, anke ghaliex dawn huma guridikament ben fondati. Dan apparti wkoll il-fatt illi l-opinjoni espresso mill-espert, ma tidhirx priva mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami. L-unika haga li ma taqbilx mieghu l-Qorti, huwa fejn il-Perit tekniku aporzjona wiehed minn ghaxra tat-tort lis-socjeta konvenuta ghar-ragunament li hija kienet offriet li tghamel sodda gdida. Dan kien l-obbligu taghha.

L-opinjoni tal-espert mahtur mill-Qorti ghandha valur probattiv gholi hafna ghad-determinazzjoni ta' din il-kawza.

Fil-kawza **Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-disgha (9) ta' Frar 2001 intqal illi:

*"L-opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn Perit Tekniku bhal kull prova ohra, setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan pero' mhux leggerment jew kapriccozament, imma biss fejn tirrizulta raguni valida millatti. Bhala regola, hu stabbilit anke minn gurisprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta jew twarrab opinjoni tal-Perit Tekniku minnha nominat, ghaliex dik kif inghad, tikkostitwixxi element ta' prova mportanti, jekk mhux determinanti, li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant."*

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi stante c-cirkostanzi, m'ghandhiex tinjora l-opinjoni tal-perit tekniku minnha nnominat, liema opinjoni hija cara u kategorika u tinkwadra bis-shieh fil-modilitajiet kollha ta' dan il-kaz.

**Ghalhekk jidhrilha illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom ikunu michuda u t-talba ta l-attur milqugha.**

**Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur, tipprefiggi terminu ta' tlett (3) xhur sabiex il-konvenut, a spejjez tieghu, jirrimedja x-xoghol ta' tqeghid ta' madum li ma sarx skond is-sengha w l-arti u jbiddel il-**

**madum maqsum li gie supplit u mqieghed gewwa s-Socjeta Filarmonika San Gorg, Misrah Pawlinu Vassallo Bormla, taht id-direzzjoni u supervizzjoni tal-Perit Mario Cassar  li huwa minn issa nominat mill-Qorti.**

**Fin-nuqqas illi l-konvenut jesegwixxi dawn ix-xogholijiet, l-attur huwa awtorizzat li jaghmel dawn l-istess xogholijiet a spejjez tas-socjeta konvenuta.**

**L-ispejjes u l-imghax skond il-ligi ghandhom jigu sopportati mis-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------